



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10589/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0125 (COD)

POLMIL 78
COMPET 511
CFSP/PESC 575
CSDP/PSDC 361
COPS 212
EUMC 81
ECOFIN 573
IND 171
MI 515
RECH 246
EMPL 384

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 294 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 294 final.

Mehmuż: COM(2017) 294 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2017
COM(2017) 294 final

2017/0125 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

{SWD(2017) 228 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-politika Ewropea tad-difiża ġiet identifikata bħala prijorità politika ewlenija fil-linji gwida politiċi tal-President Juncker ta' Lulju 2014. Dan għandu jittqies ukoll b'rabta mal-fatt li wara deċenji ta' paċi u stabbiltà, l-Unjoni qed tħabbat wiċċha ma' aktar instabbiltà u theddidiet emerġenti ġodda għas-sigurtà. Dan l-ambjent tas-sigurtà, li kulma jmur qed jinbidel, wera biċ-ċar li l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE u tas-sħab tagħna jistgħu jintlaħqu biss bi sforzi konġunti għal investiment fl-iżvilupp tas-sigurtà u l-koperazzjoni fil-livelli kollha. Biex l-Ewropa tikseb aktar responsabilità għad-difiża tagħha, hu kruċjali li titjieb il-kompetittività u tiżdied l-innovazzjoni madwar l-industrija tad-difiża tal-Unjoni.

Il-proposta għal “Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża” (minn hawn 'il quddiem “il-Programm”) qed issir bil-għan li titjieb il-kompetittività u tiżdied l-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, inkluż fil-qasam taċ-ċiberdifiża. Dan jista' jsir l-iżjed billi jitrawwem sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża, billi titħeġġeġ il-kollaborazzjoni fost impriżi fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża u billi jissaħħu l-isforzi tal-Istati Membri biex jikkooperaw ħalli dawn jiżguraw li l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea tista' tilħaq bis-sħiħ il-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-Ewropa ta' żmienna u tal-ġejjieni. Fl-aħħar mill-aħħar dan jgħin biex tiżdied l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kapaċità tagħha biex taġixxi mas-sħab.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

F'Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP) li jstabbilixxi miżuri biex tiżdied il-koperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża u biex titwieżen il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea. Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża għandu l-għan li l-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea tkun tissodisfa għalkollox il-ħtiġijiet tas-sigurtà u tad-difiża tal-Ewropa ta' żmienna u tal-ġejjieni. Il-Kunsill Ewropew laqa' din l-inizjattiva u l-Kummissjoni ntalbet biex matul l-ewwel nofs tal-2017 tressaq il-proposti tagħha.

Proposta ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża hi t-twaqqif ta' Fond Ewropew għad-Difiża (minn hawn 'il quddiem “il-Fond”) biex jappoġġa l-investiment fir-riċerka konġunta u l-iżvilupp konġunt tat-tagħmir u tat-teknoloġiji tad-difiża. Il-Fond jikkonsisti f'żewġ elementi distinti daqskemm komplementari li għandhom ikopru ċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp industrijali tad-difiża, mir-riċerka sat-tqegħid tal-prodotti fis-suq, jiġifieri l-element tar-riċerka u l-element tal-kapaċità.

Bl-element tar-riċerka, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi mekkaniżmi biex il-finanzjament tal-Unjoni jingħata lil riċerka konġunta dwar id-difiża, l-aktar bl-Azzjoni Preparatorja li tnediet dan l-aħħar.

Il-proposta għall-Programm se tiġi kkumplimentata bl-inizjattivi li jiffinanzjaw ir-riċerka kollaborattiva dwar id-difiża u se tiżgura li r-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża jiġu żviluppati aktar ħalli jikkontribwixxu għall-kapaċità innovattiva tal-industrija Ewropea tad-difiża u għall-kompetittività tagħha.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, u għalhekk il-Programm, jikkumplementa għalkollox l-inizjattivi meħuda fil-livell tal-Unjoni fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. B'mod partikolari, dan hu konsistenti mal-Istrateġija Globali tal-2016 "Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża", li tipprova l-bażi għall-ambizzjoni l-għdida fil-livell tal-Unjoni li japprova l-Kunsill Ewropew¹ flimkien mal-azzjonijiet tagħha li jwettquha fil-prattika. Il-Programm hu marbut ukoll mad-"Dikjarazzjoni Konġunta UE-NATO" ta' Lulju 2016, li ffirmaw il-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO. Il-Kummissjoni se tiżgura li politiki tas-sigurtà oħrajn, fosthom l-istrateġija taċ-ċibersigurtà, ikunu konsistenti mal-Programm.

Il-Programm propost jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji, u jqis il-prijoritajiet tal-kapaċitajiet miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni permezz tal-Pjan tal-Unjoni għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet. B'hekk, fl-aħħar mill-aħħar, dan isaħħaħ l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.

Il-Programm propost jikkunsidra wkoll li l-azzjonijiet jistgħu jsiru fil-kuntest tal-Koperazzjoni Strutturata Permanenti. Il-Programm se jippermetti rati oġhla ta' kofinanzjament għal dawn l-azzjonijiet, u għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, se jinċentiva l-parteċipazzjoni f'dan il-qafas Ewropew aktar avvanzat għall-koperazzjoni fid-difiża.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-abbozz tar-Regolament jipproponi miżuri li jirrigwardaw l-industrija tad-difiża tal-Unjoni. L-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hu l-bażi ġuridika ta' din il-proposta. Dan hu konformi mal-għan tal-abbozz ta' Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija tad-Difiża tal-Unjoni billi jitrawwem sfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp teknoloġiku permezz ta' koperazzjoni bejn l-impriżi fl-Istati Membri.

- **Is-sussidjarjetà**

Li jitrawwem sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku, billi ssir koperazzjoni bejn l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri differenti, hu azzjoni kkarratterizzata b'mod inerenti min-natura transnazzjonali tagħha. Din l-azzjoni tolqot aktar minn Stat Membru wieħed fl-istess ħin u f'dan is-sens, ma tistax tiġi trattata kollha kemm hi b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri individwali.

Fil-fatt, l-isfidi li l-industrija tad-difiża tal-Unjoni qed taffaċċa llum juru biċ-ċar il-ħtieġa għal azzjonijiet ikkoordinati. Is-settur Ewropew tad-difiża qed iġarrab livell baxx ta' investment u hu kkaratterizzat minn frammentazzjoni tul il-fruntieri nazzjonali li twassal għal duplikazzjonijiet persistenti. Barra minn hekk, ħarsa lejn l-industrija tad-difiża tal-Unjoni toħroġ fid-dieher nuqqasijiet li kulma jmur qed jiżdiedu, teknoloġiji li qed jeqdiemu, u nuqqas ta' programmi ġodda, l-aktar il-programmi kollaborattivi.

Il-koperazzjoni transfruntiera tista' tgħin biex jingħarfu l-effetti ta' skala billi jonqsu d-duplikazzjonijiet u jkun jista' jsir l-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji meħtieġa. Madankollu,

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, 15.11.2016.

din għadha limitata wisq u l-prevalenza ta' politiki nazzjonali mhux koordinati tal-Istati Membri f'dan il-qasam² jolqtu ħażin il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni.

Azzjoni fil-livell tal-Unjoni se tagħti valur miżjud għax thegġegħ aktar il-koperazzjoni tad-difiża industrijali b'inċentivi pożittivi u għax tagħti importanza lill-proġetti fil-fażi tal-iżvilupp li ma jistgħux jitwettqu b'suċċess fil-livell purament nazzjonali minħabba l-ispejjeż u r-riskji assoċjati.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba din ir-raġuni:

Il-proporzjonalità tal-intervent tal-Unjoni hi żgurata b'enfasi fuq il-qasam bl-akbar impatt fuq il-kompetittività tas-settur, jiġifieri dan l-intervent jipprovdi għajjnuna finanzjarja lill-azzjonijiet fil-fażi tal-iżvilupp. Fid-dawl tal-fatt li l-fażi tal-iżvilupp jidher li hi waħda mill-aktar fażijiet riskjużi u allura wieħed mill-aktar ostakli importanti fil-katina tal-avvanzi teknoloġiċi fi proġett, l-Unjoni se tikkontribwixxi parzjalment għall-ispejjeż tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża ħalli jkunu jistgħu jsiru proġetti tal-iżvilupp kooperattivi.

Barra minn hekk, huma biss l-azzjonijiet li jikkonċernaw l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri differenti li jirrappreżentaw każijiet eliġibbli għall-għajjnuna finanzjarja, għax dawn għandhom valur ċar meta jrawmu l-koperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali.

Fl-istess ħin, l-intervent tal-Unjoni ma jipperikolax jew ma jippreġudikax b'xi mod l-appoġġ tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell nazzjonali. Dan jipprovdi biss inċentivi addizzjonali biex tingħeleb l-aktar fażi diffiċli ta' wħud minn dawn l-azzjonijiet billi joffri l-appoġġ tal-Unjoni fejn hi l-aktar meħtieġa.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni tippromovi Regolament biex jiġi stabbilit il-Programm. Dan huwa l-aktar strument legali xieraq għax hu biss Regolament, b'dispożizzjonijiet legali applikabbli direttament, li jista' jipprovdi l-grad neċessarju ta' uniformità meħtieġa biex jitwaqqaf u jitħaddem programm ta' finanzjament tal-Unjoni bil-għan li jappoġġa settur industrijali madwar l-Ewropa.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Qabel din il-leġiżlazzjoni ma kienet teżisti l-ebda leġiżlazzjoni li tkopri jew li għandha x'taqsam ma' din l-azzjoni speċifika għax sal-lum ma ttieħdet l-ebda inizzjattiva leġiżlattiva tal-Unjoni bil-għan li żżid il-kompetittività tal-industrija tad-difiża li timmira speċifikament il-fażi tal-iżvilupp ta' azzjoni għas-settur tad-difiża. Għalhekk għal din l-inizzjattiva leġiżlattiva ma saru l-ebda valutazzjoni *ex post* jew kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

² Ara wkoll il-paġna 12 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż mar-Regolament.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri ġew ikkonsultati waqt it-tħejjija tal-proposta b'laqgħat regolari. Ġew ikkonsultati wkoll għadd ta' partijiet ikkonċernati oħra, u ġew infurmati kif xieraq li l-Kummissjoni beħsiebha tħejji din il-proposta leġislattiva.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Il-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat studju preparatorju dwar il-baġit possibbli għall-Programm. L-istudju jelabora dwar l-ostakli eżistenti biex jinbnew koperazzjonijiet fil-programmi tal-iżvilupp u jirrifletti dwar l-elementi li għandhom jitqiesu biex jinkiseb l-aqwa intervent tal-Unjoni.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hi mnebbħa minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li joffri l-elementi meħtieġa biex jingħarbel ix-xkiel li jdghajef il-kompetittività tas-settur u ssir valutazzjoni tal-impatt antiċipat tal-proposta. Minħabba l-urġenza tal-proposta, fid-dawl li l-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 jistieden lill-Kummissjoni biex "tippreżenta proposti fl-ewwel semestru tal-2017 għall-istabbiliment ta' Fond Ewropew għad-Difiża inkluż opportunità ta' żvilupp konġunt ta' kapaċitajiet komunement miftiehma mill-Istati Membri"³, din il-proposta tal-Kummissjoni qed issir mingħajr valutazzjoni tal-impatt.

- **L-idoneità u s-simplifikazzjoni regolatorja**

Din il-proposta mhix parti mill-programm REFIT u mhix mistennija żżid il-piż amministrattiv.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta hi konformi mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt tal-proposta fuq il-baġit tal-Unjoni hu ppreżentat fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża mal-proposta u se jiġi ssodisfat bir-riżorsi disponibbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet tal-implimentazzjoni u l-arranġamenti tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-azzjonijiet tagħha b'mod regolari, tanalizza l-progress li qed isir biex jinkisbu r-riżultati mistennija, u teżamina s-sinerġiji ma' programmi kumplimentari oħra tal-Unjoni jew ma' programmi nazzjonali kofinanzjati mill-Unjoni. Minbarra dan, hu previst li l-Kummissjoni tista' tikkummissjona evalwazzjonijiet esterni indipendenti biex jevalwaw l-impatt u l-effikaċja tal-azzjonijiet tagħha b'dan il-Programm, meta xieraq. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport tal-evalwazzjoni għall-Programm u tgħaddih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. B'mod partikolari, dan ir-rapport għandu

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, 15.11.2016.

jivvaluta l-progress li jkun qed isir biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'din il-proposta u se janalizza l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti tal-Programm u l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż jipproponi aktar attivitajiet wiesgħa tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni bbażati fuq id-dejta li diġà nġabret u ġiet ippubblikata minn diversi organizzazzjonijiet attivi fis-settur Ewropew tad-difiża.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Programm se jiġi stabbilit abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 173 tat-TFUE, u l-għan ġenerali tiegħu se jkun li jikkontribwixxi għall-kompetittività u għall-kapaċità innovattiva tal-politika tad-difiża tal-Unjoni b'azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom. Il-benefiċjarji se jkunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea. Il-Programm jenħtieġ ikun stabbilit biex ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

L-istrateġiji tal-intervent propost se jitwettqu b'għajnuna finanzjarja. Il-finanzjament mogħti bil-Programm se jieħ u l-ghanla ta' għotjiet u ta' strumenti finanzjarji jew permezz tal-akkwist pubbliku. B'mod aktar preċiż, il-Programm se jappoġġa id-disinn, id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar u ċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tad-difiża, il-komponenti tanġibbli jew intanġibbli, u t-teknoloġiji. L-appoġġ jista' jingħata wkoll għal studji, evalwazzjonijiet tal-fattibilità u attivitajiet oħra ta' appoġġ. L-appoġġ se ikun immirat lejn azzjonijiet fil-fażi tal-iżvilupp li jkopru kemm prodotti u teknoloġiji ġodda u t-titjib tal-prodotti u tat-teknoloġiji eżistenti.

L-azzjoni għandha ssir b'koperazzjoni bejn mill-inqas tliet (3) impriżi stabbiliti f'mill-inqas żewġ (2) Stati Membri.

Ir-rata tal-finanzjament propost se tkun limitata għal 20% tal-ispiża totali tal-azzjoni. L-ispejjeż li jifdal, l-Istati Membri jeħtieġ jikkontribwixxu għalihom bil-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Il-baġit tal-Unjoni se jintuża biex jappoġġa l-kompetittività tas-settur billi jingranaġġa l-ammont meħtieġ ta' kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri biex tibda l-koperazzjoni u se jaġixxi bħala faċilitatur għall-kooperazzjoni u jiftaħ beraħ l-opportunità għal programmi tal-iżvilupp kollaborattivi. Il-benefiċjarji li jiżviluppaw azzjoni fil-kuntest ta' Koperazzjoni Strutturata Permanenti se jkunu eliġibbli għal finanzjament akbar. Il-proġetti sostnuti għandhom jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-kapaċitajiet miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni permezz tal-Pjan tal-Unjoni għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, u jqisu l-koperazzjoni reġjonali u internazzjonali kif xieraq. Il-proposti mressqa bil-għan li jinkiseb appoġġ bil-Programm se jiġu evalwati abbażi ta' kriterji tal-għoti li se jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku tal-industriji tad-difiża kif ukoll l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża, li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-kapaċità miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni, fuq il-vijabbiltà tal-azzjoni, u fuq il-ħila tal-benefiċjarji biex juri li l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija b'mod koordinat, inkluż l-akkwist konġunt meta applikabbli.

Il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni u għall-istruttura maniġerjali tal-Programm. Madankollu tista' tafda parti mill-implimentazzjoni lil entità oħra, b'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, l-azzjonijiet li jippermettu l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs għandhom jibbenefikaw minn proporzjon tal-baġit totali.

Il-baġit propost tal-Programm hu EUR 500 miljun.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża adottat fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkumplimenta, tingranaġġa u tikkonsolida l-isforzi kollaborattivi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw kapaċitajiet tad-difiża li jwieġbu għall-isfidi tas-sigurtà, kif ukoll li trawwem industrija Ewropea tad-difiża li tkun kompetittiva u innovattiva. B'mod partikolari, dan jipproponi li jitwaqqaf Fond Ewropew għad-Difiża biex jappoġġa l-investiment fir-riċerka konġunta u l-iżvilupp konġunt tat-tagħmir u tat-teknoloġiji tad-difiża. Il-Fond se jwieżen il-koperazzjoni matul iċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp tal-prodotti u tat-teknoloġija tad-difiża.
- (2) Sabiex jingħata kontribut ħalli jitjiebu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, għandu jinholq Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"). Il-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, fosthom iċ-ċiberdifiża, billi jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-fażi tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Il-fażi tal-iżvilupp, li tiġi wara l-fażi tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż ġmielhom, u dawn ifixxlu milli jsir aktar sfruttament tar-risultati tar-riċerka u jolqtu ħażin il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Il-Programm jappoġġa l-fażi tal-iżvilupp u għalhekk jikkontribwixxi għal sfruttament aħjar tar-risultati tar-riċerka dwar id-difiża u jgħin biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni u biex titħeġġeġ kull forma ta'

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

innovazzjoni. Il-Programm għandu jikkumplementa l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.

- (3) Biex jisfrutta aħjar l-ekonomiji ta' skala fl-industrija tad-difiża, il-Programm għandu jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-fażi tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.
- (4) Il-Programm għandu jkopri perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 filwaqt li l-ammont għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jiġi ddeterminat għal dan il-perjodu.
- (5) Il-Programm għandu jiġu implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Il-finanzjament jista' jieħ u l-għamla ta' għotjiet. Meta jkun xieraq jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji jew l-akkwist pubbliku.
- (6) Il-Kummissjoni tista' tafda parti mill-implimentazzjoni tal-programm lil entitajiet imsemmija fl-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Fid-dawl tal-għarfien espert tagħha, il-Kummissjoni tista' tafda dan ir-rwol lill-Aġenzija tad-Difiża Ewropea.
- (7) Fid-dawl tal-ispeċifitajiet ta' dan is-settur, fil-prattika, mhu se jitnieda l-ebda proġett kollaborattiv bejn l-impriżi jekk qabelxejn l-Istati Membri ma jkunux ftiehem li jappoġġaw dawn il-proġetti. Wara li jiġu ddefiniti prijoritajiet komuni tal-kapaċità tad-difiża fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-inizjattivi kollaborattivi fuq bażi reġjonali, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jikkonsolidaw il-ħtiġijiet militari u jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-proġett. Dawn jistgħu jaħtru wkoll meniġer tal-proġett inkarigat biex imexxi l-ħidma relatata mal-iżvilupp ta' proġett kollaborattiv.
- (8) Jekk xi azzjoni appoġġata mill-Programm titmexxa minn meniġer tal-proġett maħtur mill-Istati Membri, qabel ma jinħareġ il-pagament lill-benefiċjarju tal-azzjoni eliġibbli, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-meniġer tal-proġett biex dan ikun jista' jiżgura li l-benefiċjarji jirrispettaw l-iskadenzi.
- (9) L-appoġġ finanzjarju tal-UE ma għandux jaffettwa l-esportazzjoni ta' prodotti, tagħmir jew teknoloġiji, u ma għandux jaffettwa d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni tal-prodotti relatati mad-difiża. L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni ma għandux jaffettwa l-politiki tal-Istati Membri dwar l-esportazzjoni tal-prodotti relatati mad-difiża.
- (10) Il-Programm għandu l-għan li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jtaffi r-riskju waqt il-fażi tal-iżvilupp għall-proġetti ta' koperazzjoni, l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni u l-istudji dwar il-fattibbiltà u miżuri oħra ta'

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

sostenn, għandhom ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw minnu. Dan se japplika wkoll għat-tiġib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti tad-difiża.

- (11) Peress li l-Programm hu mmirat b'mod partikolari biex tiżdied il-koperazzjoni bejn impriżi tal-Istati Membri, azzjoni għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament mill-Programm biss jekk issir b'koperazzjoni ta' mill-anqas tliet impriżi bbażati f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti.
- (12) Ħafna drabi l-kollaborazzjoni transfruntiera fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża ġiet imfixkla bin-nuqqas ta' ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni. In-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-għadd limitat tagħhom, wasslu biex jiżdiedu l-kumplessità, id-dewmien u l-ispejjeż esaġerati fil-fażi tal-iżvilupp. Waħda mill-kundizzjonijiet biex ikun jista' jinkiseb l-appoġġ tal-Unjoni b'dan il-Programm hi li jiġu miftiehma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni. Anki l-azzjonijiet immirati biex jappoġġaw il-ħolqien ta' definizzjoni komuni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ tal-Programm.
- (13) Il-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u għalhekk l-entitajiet biss stabbiliti fl-Unjoni u li huma kkontrollati b'mod effettiv mill-Istati Membri jew miċ-ċittadini tagħhom, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-benefiċjarji u mis-subkuntratturi fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ ikunu fit-territorju tal-Unjoni.
- (14) L-azzjonijiet eliġibbli żviluppati fil-kuntest ta' Koperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni jiżguraw koperazzjoni msaħħa u kontinwa bejn impriżi fi Stati Membri differenti, u b'hekk jikkontribwixxu direttament għall-għanijiet tal-Programm. Għalhekk dawn il-proġetti għandhom ikunu eliġibbli għal rata ta' finanzjament miżjuda.
- (15) Jekk xi konsorzju ta' impriżi jkun jixtieq jieħu sehem f'azzjoni eliġibbli tal-Programm, u l-għajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tkun se tieħu l-għamla ta' għotja, il-konsorzju għandu jaħtar wieħed mill-membri tiegħu bħala koordinatur li jkun il-punt ewlieni tal-kuntatt mal-Kummissjoni.
- (16) Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp teknoloġiku fl-industrija tad-difiża tal-Unjoni għandha ssir b'mod koerenti mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kontribut tal-azzjoni għal daww l-interessi u l-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftehma mill-Istati Membri għandu jservi bħala kriterju tal-għoti. Fl-Unjoni, il-prijoritajiet komuni tal-kapaċità tad-difiża jiġu identifikati l-aktar bil-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet. Il-proċessi l-oħra tal-Unjoni, fosthom ir-Rieżami Koordinat Annwali dwar id-Difiża (CARD) u l-Koperazzjoni Strutturata Permanenti, se jwieżnu l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet rilevanti permezz ta' koperazzjoni msaħħa. Meta xieraq, jistgħu jitqiesu wkoll inizzjattivi reġjonali jew internazzjonali tal-koperazzjoni, bħal fil-kuntest tan-NATO, li jservi l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.
- (17) Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati jkunu vijabbli, l-impenn li l-Istati Membri jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-finanzjament tal-azzjoni għandu jkun kriterju tal-għoti għal dawn l-azzjonijiet.

- (18) Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati se jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża, dawn għandhom ikunu orjentati lejn is-suq u mmexxija mid-domanda. Għalhekk, fil-kriterji tal-ġoti għandu jittqies il-fatt li l-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija, possibbilment b'mod koordinat.
- (19) L-ġajnuna finanzjarja tal-Unjoni permezz tal-Programm ma għandhiex taqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli totali tal-azzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien tal-prototipi li ħafna drabi tkun l-aqbar spiża waqt il-fażi tal-iżvilupp. Iżda għall-bqija tal-azzjonijiet l-oħra fil-fażi tal-iżvilupp, għandhom ikunu koperti l-ispejjeż kollha eliġibbli.
- (20) Billi l-appoġġ tal-Unjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tas-settur u jikkonċerna biss il-fażi speċifika tal-iżvilupp, il-Kummissjoni ma għandux ikollha sjiċda jew drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq il-prodotti jew it-teknoloġiji li jinħolqu bl-azzjonijiet iffinanzjati. L-iskema tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali applikabbli se tiġi definita b'kuntratt mill-benefiċjarji.
- (21) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali b'konformità mal-għanijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tingħata l-ġajnuna minn Kumitat tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Programm") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bħala element ewlieni biex ikunu żgurati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali fl-Unjoni, u fid-dawl tal-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament se jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u jippermettu din il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u li għalhekk din l-azzjoni tibbenefika minn proporzjon tal-baġit totali.
- (22) L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża se tingħata l-istatus ta' osservatur fil-kumitat tal-Istati Membri biex dan jibbenefika mill-għarfien espert tagħha fis-settur tad-difiża. Anki s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jassisti lill-Kumitat tal-Istati Membri.
- (23) Sabiex jintgħażlu l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati minn dan il-Programm, il-Kummissjoni jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament Nru 966/2012 għandhom jorganizzaw sejħiet kompetittivi kif previst fir-Regolament Nru 966/2012. Wara evalwazzjoni tal-proposti li jaslu bl-ġajnuna ta' esperti indipendenti, il-Kummissjoni se tagħżel l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni biex tadotta u timplimenta l-programm ta' ħidma, kif ukoll għall-ġoti tal-finanzjament lill-azzjonijiet magħżula. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (24) Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni msemmija hawn fuq, filwaqt li jittqiesu l-implikazzjonijiet sostanzjali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-att bażiku.

⁷

Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni

- (25) Fi tmiem il-Programm, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' implimentazzjoni biex teżamina l-attivitajiet finanzjarji mil-lat ta' riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja, u meta possibbli mil-lat ta' impatt. Dan ir-rapport għandu janalizza wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti tal-Programm kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed jiġi stabbilit Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm") għal azzjoni tal-Unjoni li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 2

L-għanijiet

Il-Programm għandu ikollu dawn l-għanijiet:

- (a) irawwem il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom;
- (b) jappoġġa u jingranaġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż l-SMEs, waqt l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti b'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni;
- (c) irawwem sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jikkontribwixxi biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-iżvilupp.

Artikolu 3

Il-baġit

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2019-2020 hu stabbilit għal EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.

Artikolu 4

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-finanzjament

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' tingħata bit-tipi ta' finanzjament previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari:
 - (a) għotjiet;
 - (b) strumenti finanzjarji;
 - (c) akkwist pubbliku.

2. It-tipi ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-metodi ta' implimentazzjoni, għandhom jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' kunflitti ta' interess.
3. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata direttament jew indirettament mill-Kummissjoni kif previst mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 58(1)(c) ta' dak ir-Regolament.
4. Jekk xi meniġer ta' proġett jinħatar mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tmexxi bil-ħlas lill-benefiċjarji eliġibbli wara li tinforma lill-meniġer tal-proġett.

Artikolu 5

It-tipi ta' strumenti finanzjarji

1. L-istrumenti finanzjarji stabbiliti skont it-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament lill-entitajiet li jimplementaw l-azzjonijiet skont l-Artikolu 6.
2. Jistgħu jintużaw dawn l-istrumenti finanzjarji li ġejjin:
 - (a) Investimenti ta' ekwità jew ta' kważi ekwità;
 - (b) Self jew garanziji;
 - (c) Strumenti ta' qsim tar-riskji.

Artikolu 6

L-azzjonijiet eliġibbli

1. Il-Programm għandu jagħti appoġġ lill-azzjonijiet tal-benefiċjarji waqt il-fażi tal-iżvilupp li jkopru kemm prodotti u teknoloġiji ġodda u t-titjib tal-prodotti u tat-teknoloġiji eżistenti, b'rabta ma':
 - (a) id-disinn ta' prodott tad-difiża, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li skonthom ikun ġie żviluppat dan id-disinn;
 - (b) il-ħolqien ta' prototipi ta' prodott tad-difiża, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija. Prototip hu mudell ta' prodott jew teknoloġija li jkun jista' juri l-prestazzjoni tal-element waqt li jkun qed jitħaddem;
 - (c) l-ittestjar ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew ta' teknoloġija;
 - (d) l-ikkwalifikar ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew ta' teknoloġija; l-ikkwalifikar hu l-proċess kollu li juri li d-disinn tal-prodott/komponent/teknoloġija jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati. Dan il-proċess

jipprovdì evidenza oġġettiva li turi li r-rekwiżiti partikolari ta' disinn ikunu ġew issodisati;

- (e) iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża. Iċ-ċertifikazzjoni hu l-proċess li skontu l-awtorità nazzjonali tiċċertifika li l-prodott/komponent/teknoloġija jikkonformaw mar-regolamenti applikabbli;
 - (f) studji, bħall-istudji tal-fattibilità u miżuri oħra ta' akkumpanjament.
2. L-azzjoni għandha ssir b'koperazzjoni bejn mill-inqas tliet impriżi stabbiliti f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti. L-impriżi benefiċjarji ma għandhomx ikunu effettivament ikkontrollati, direttament jew indirettament, mill-istess entità jew ma għandhomx jikkontrollaw lil xulxin.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, "kontroll effettiv" tfisser relazzjoni kostitwita permezz ta' drittijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, separatament jew konġuntament u b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet tal-fatt jew tal-liġi involuta, jagħtu l-possibbiltà li direttament jew indirettament tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq xi impriża, b'mod partikolari permezz ta':
- (a) id-dritt li jintuża kull ass jew parti minnu ta' xi impriża;
 - (b) id-drittijiet jew il-kuntratti li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-korpi ta' impriża jew inkella jinfluwenzaw b'mod deċiżiv it-tħaddim tal-operat kummerċjali tal-impriża.
4. Meta tkun relatata ma' azzjonijiet definiti fil-punt (b) sa (f) tal-ewwel paragrafu, l-azzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni.

Artikolu 7

L-entitajiet eliġibbli

1. Il-benefiċjarji għandhom ikunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni, fejn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom sjieda ta' fuq aktar minn 50% tal-impriża u effettivament jikkontrollawha skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3), direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar. Barra minn hekk, l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-parteciċipanti, inkluż mis-subkuntratturi u minn partijiet terzi oħra, f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm għandhom ikunu fit-territorju tal-Unjoni matul il-perjodu kollu tal-azzjoni.
2. Jekk il-benefiċjarju kif definit fil-paragrafu 1, qed jiżviluppa azzjoni kif definit fl-Artikolu 6, fil-kuntest ta' Koperazzjoni Strutturata Permanenti, din għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament miżjud imsemmi fl-Artikolu 11(2) fir-rigward ta' dik l-azzjoni.

Artikolu 8

Id-dikjarazzjoni tal-applikanti

Kull applikant għandu jiddikjara bil-miktub li jaf bis-sħiħ u li hu konformi mal-leġiżlazzjoni u mar-regolamenti nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli li jirrigwardaw attivitajiet fil-qasam tad-difiża.

Artikolu 9

Il-konsorzju

1. Meta l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata b'għotja, il-membri ta' kwalunkwe konsorzju li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jaħtru wieħed minnhom bħala koordinatur u għandu jitniżżel fil-ftehim dwar l-għotja. Il-koordinatur għandu jkun il-punt ewlieni tal-kuntatt bejn il-membri tal-konsorzju fir-rigward tal-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-ftehim tal-għotja, jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tiegħu fil-ftehim tal-għotja.
2. Il-membri ta' konsorzju li jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jikkonkludu ftehim intern li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tal-azzjoni b'konformità mal-ftehim tal-għotja, għajr meta jkun debitament iġġustifikat kif previst fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa għall-proposti.

Artikolu 10

Il-kriterji tal-għoti

L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati abbażi ta' dawn il-kriterji kumulattivi:

- (a) eċċellenza
- (b) kontribut għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku tal-industriji tad-difiża u b'hekk irawmu l-awtonomija industrijali tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tad-difiża; u
- (c) kontribut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża li jgħinu biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża miftiehma mill-Istati Membri fl-Unjoni; u
- (d) il-vijabbiltà, l-aktar billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż għall-azzjoni eliġibbli huma koperti minn mezzi oħra ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; u
- (e) għall-azzjonijiet deskritti fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 6(1), il-kontribut għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża billi l-benefiċjarji juri li l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija b'mod koordinat, inkluż l-akkwist konġunt meta applikabbli.

Artikolu 11

Ir-rati ta' finanzjament

1. L-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija mill-Programm ma tistax jaqbeż l-20% tal-ispiża totali tal-azzjoni b'rabta mal-ħolqien tal-prototipi. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-ghajjnuna tista' tkopri l-ispiża totali tal-azzjoni.
2. Azzjoni żviluppata minn benefiċjarju msemmi fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2, tista' tibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'10 punti perċentwali addizzjonali.

Artikolu 12

Is-sjeda u d-drittijiet tal-proprietà intellettuali

Il-Kummissjoni ma għandux ikollha sjeda tal-prodotti jew it-teknoloġiji li jinħolqu bl-azzjoni u ma għandu jkollha l-ebda pretensjoni ta' dritt tal-proprietà intellettuali relatata mal-azzjoni.

Artikolu 13

Il-programm ta' ħidma

1. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma pluriennali għall-perjodu tal-Programm. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmi fl-Artikolu 16(2). Dan il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
2. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi fid-dettall il-kategoriji tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm;
3. Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li azzjonijiet li jippermettu l-parteciġazzjoni transfruntiera tal-SMEs jibbenefikaw minn proporzjon tal-baġit totali.

Artikolu 14

Il-proċedura tal-ġoti

1. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-finanzjament tal-Unjoni għandu jingħata wara sejħiet kompetittivi maħruġin skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12⁸.
2. Il-proposti mressqa wara s-sejħa għall-proposti għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni bl-ghajjnuna ta' esperti indipendenti abbażi tal-kriterji tal-ġoti fl-Artikolu 10.
3. Wara kull sejħa, il-Kummissjoni għandha tagħti l-finanzjament lill-azzjonijiet magħżula permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni

⁸ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 15

Il-ħlasijiet annwali

Il-Kummissjoni tista' taqşam l-impenji baġitarji fi ħlasijiet annwali.

Artikolu 16

Il-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Aġenzija Ewropea tad-Difiża għandha tiġi mistiedna bħala osservatur.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 17

Il-monitoraġġ u r-rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar skont l-Artikolu 38(3)(e) tar-Regolament 966/2012. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa tal-monitoraġġ.
2. Biex tappoġġa aktar l-effiċjenza u l-effettività ta' azzjonijiet ta' politika futuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni retrospettiv u tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport – imsejjes fuq konsultazzjonijiet rilevanti mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin – għandu b'mod partikolari jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2. Dan ir-rapport għandu janalizza wkoll il-partekipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti implimentat bil-Programm kif ukoll il-partekipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

Artikolu 18

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri adatti sabiex tiżgura li, meta jkunu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jiġu identifikati irregolaritajiet, isir l-irkupru u, meta xieraq, jiġihallu lura l-ammonti mħallsa bi żball u, meta xieraq, b'pieni amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissuażivi.

2. Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, jew fil-każ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, is-setgħa ta' verifika b'konformità mal-ftehimiet milħuqa magħhom, abbażi ta' dokumenti u żjarat fuq il-post, fir-rigward ta' kull benefiċjarju, kuntrattur u subkuntrattur tal-għotjiet, li jkunu rċewew fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁰, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi tip ta' attività irregolari oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni tal-għoti jew kuntratt li jkun jikkonċerna finanzjament skont dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxi mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. L-oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. L-għanijiet
- 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodi ta' ġestjoni ppjanati

2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. L-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji tan-nefqa affettwati
- 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

1.2. L-oqsma ta' politika kkonċernati

Titolu 02 – Suq intern, industrija, intraprenditorija u SMEs

Il-Kapitolu 02.07: Il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**¹¹

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-għanijiet

1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

L-industrija tad-difiża hi element ewlieni tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tagħha.

1.4.2. L-għanijiet speċifiċi

Għan Speċifiku Nru 1:

Li titrawwem il-kompetittività tal-industrija tad-difiża

Għan Speċifiku Nru 2:

¹¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Li titwieżen u titħeġġeġ il-koperazzjoni bejn impriżi fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża

Għan Speċifiku Nru 3:

Li jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, u ssir promozzjoni ta' kull forma ta' innovazzjoni.

1.4.3. Ir-riżultati u l-impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandha tħalli fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-riżultati mistennija:

Il-programm se jgħin biex jinholq approċċ kollaborattiv bejn l-atturi industrijali tad-difiża tal-Istati Membri. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għandha tikkontribwixxi biex ikunu jistgħu jsiru għadd ta' proġetti tal-iżvilupp li kieku ma kinux jinbdew meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom jew ir-riskji teknoloġiċi involuti u għandha twassal għal proġetti kollaborattivi addizzjonali għall-iżvilupp tad-difiża.

B'aktar koperazzjoni huma mistennija jonqsu d-duplikazzjonijiet bla bżonn u d-dispersjonijiet, u jinħolqu l-ekonomiji ta' skala. Eventwalment, dan se jwassal biex jonqsu l-ispejjeż tal-unità u dan hu ta' benefiċċju għall-Istati Membri u li jħalli effett pożittiv fuq l-esportazzjonijiet.

L-impatti mistennija:

Hu mistenni li l-iżvilupp ta' proġetti tad-difiża appoġġati direttament jew indirettament mill-Programm iħallu impatt pożittiv fuq l-ekonomija Ewropea. L-istudji juru li l-investimenti fis-settur tad-difiża jħallu effetti pożittivi sinifikanti fuq il-PDG, it-taxxa u l-impjiegi, b'mod komparabbli ma' dawk ta' kategoriji ewlenin oħrajn tal-infiq pubbliku (it-trasport, l-edukazzjoni, is-saħħa). Anki r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tad-difiża jinsabu fl-oriġini ta' spin-offs importanti li jkunu ta' benefiċċju għad-difiża u għas-setturi ċivili.

Il-katina tal-provvista tas-settur tad-difiża hija ġeneralment magħmula minn SMEs b'mod partikolari permezz tal-katina tal-provvista tal-integraturi tas-sistema prinċipali. Bit-tkaġġija progressiva tad-distinzjoni bejn is-setturi ċivili u tad-difiża, l-SMEs li tradizzjonalment mhumex attivi fis-settur tad-difiża se jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod partikolari fil-qasam tal-elettronika u tas-software.

Fuq perjodu twil taż-żmien hu mistenni li l-proġetti tad-difiża joħolqu benefiċċji fir-rigward tal-ħolqien tal-impjiegi u l-ħiliet.

1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Meta jitqies il-perjodu qasir tal-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatti tal-programm se jiġu vvalutati b'evalwazzjoni retrospettiva fi tmiem l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-entità fdata bl-implimentazzjoni tal-programm se ddaħħal fis-seħħ l-indikaturi meħtieġa biex jintużaw għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm. Dawn se jinkludu:

- l-għadd ta' proġetti ta' koperazzjoni implimentati
- il-valur totali tal-proġetti ta' koperazzjoni implimentati u l-livell ta' kofinanzjament
- l-għadd ta' kumpaniji involuti bħala membri tal-konsorzju u d-daqs tagħhom (biex jissorveljaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs)
- l-għadd ta' Stati Membri involuti
- l-għadd ta' SMEs involuti fi proġetti bil-programm

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq medda qasira ta' żmien jew fit-tul

Il-kompiti ta' din il-proposta li għandhom isiru se jkunu jeħtieġu li jitwaqqaf konsorzju bi ftehim intern skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament flimkien mal-ħatra ta' membru ta' dan il-konsorzju bħala koordinatur.

Il-membri tal-konsorzju se jkun jeħtiġilhom juru prova tal-kapaċità teknika tagħhom biex effettivament jamministraw l-azzjonijiet mogħtija, b'mod partikolari minħabba l-perjodu limitat (sentejn (2)) tal-programm.

Il-korp ta' implimentazzjoni se jkun jeħtieġu jingagħġa esperti tekniċi, finanzjarji u legali xierqa biex iħejju l-għażla tal-għotjiet, jamministraw is-segwitu tagħhom, jikkontrollaw l-attivitajiet esternalizzati u jħejju rappurtar ta' kwalità kbira għad-diriġenti tal-Kummissjoni.

Anki l-Kummissjoni se jkun jeħtiġilha tingagħġa l-esperti xierqa biex jissorveljaw b'mod effettiv il-ħidma tal-korp ta' implimentazzjoni.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effikaċja akbar jew komplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Id-dritt tal-UE bie taġixxi hu bbażat fuq l-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

Il-proġetti tal-industrija tad-difiża jitmexxew fil-livell nazzjonali u l-fażi tal-iżvilupp hi l-aktar waħda riskjuża. Is-settur Ewropew tad-difiża qed iġarrab livell baxx ta' investiment u hu kkaratterizzat minn frammentazzjoni tul il-fruntieri nazzjonali li

twassal għal duplikazzjonijiet persistenti. Barra minn hekk, ħarsa lejn l-industrija tad-difiża tal-Unjoni toħroġ fid-dieher nuqqasijiet li kulma jmur qed jiżdiedu, teknoloġiji li qed jeqdiemu, u nuqqas ta' programmi ġodda, l-aktar il-programmi kollaborattivi. Il-koperazzjoni transfruntiera tista' tgħin biex jingħarfu l-effetti ta' skala billi jonqsu d-duplikazzjonijiet u jkun jista' jsir l-iżvilupp tal-prodotti u tat-teknoloġiji meħtieġa.

Minbarra dan, in-nuqqas ta' koordinazzjoni u koerenza bejn l-Istati Membri hu sors ta' żvantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropea tad-difiża fil-konfront tal-kontropartijiet internazzjonali tagħha, filwaqt li tibqa' sors ewlieni ta' spejjeż għall-baġit nazzjonali u toħloq xkiel sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni (PSDK).

Azzjoni fil-livell tal-Unjoni se tagħti valur miżjud għax tħeġġeġ aktar il-koperazzjoni tad-difiża industrijali b'inċentivi pożittivi u għax tagħti importanza lill-prodotti u teknoloġiji tad-difiża fil-fażi tal-iżvilupp li ma jistgħux jitwettqu fil-livell nazzjonali minħabba l-ispejjeż u r-riskji assoċjati.

Bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, l-industrija tad-difiża se tkun tista' talloka l-fondi meħtieġa għall-proġetti li ħafna drabi jkunu lil hinn mill-mezzi ta' pajjiż wieħed: in-natura ta' dawn il-proġetti u l-ispejjeż tagħhom ikunu jeħtieġu koperazzjoni transnazzjonali.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni li r-Regolament se jkun qed jeżiġi legalment, se jixprunaw lill-Istati Membri u lill-industrija tad-difiża tagħhom lejn standards komuni, u dawn iwasslu għal kollaborazzjoni aħjar u aktar effiċjenti.

1.5.3. *It-tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-proġett pilota u l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża mal-EDA huma programmi li jistgħu jitqiesu simili: l-esperjenza miksuba minn dawn il-programmi, b'mod partikolari dwar il-mod ta' governanza, se tintuża biex tiddefinixxi l-ġestjoni u s-segwitu tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża.

1.5.4. *Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Jistgħu jsiru sinerġiji ma' proġetti tad-difiża attwali oħrajn (bħall-Azzjoni Preparatorja mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża).

Jistgħu jinħolqu sinerġiji wkoll ma' direttorati oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati b'appoġġ mill-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża, fost l-oħrajn jistgħu jħallu impatt fuq it-trasport, il-komunikazzjoni, u d-dominji tal-enerġija.

Hu importanti li jkun żgurat li l-programmi tar-riċerka u tal-innovazzjoni jkunu kkoordinati fil-livell tal-Kummissjoni biex jinkiseb l-aqwa redditu fuq l-investment.

1.6. **It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien limitat**

– ☒ Proposta/inizjattiva b'effett mill-01/01/2019 sal-31/12/2020

– ☒ L-impatt finanzjarju mill-01/01/2018 sal-31/12/2023

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Il-metodi ta' ġestjoni ppjanati¹²

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lil korpi li jkunu nnominaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

– ☐ il-korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☒ il-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ il-korpi rregolati bil-liġi privata li għandhom missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ il-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ persuni inkarigati biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-mod ta' ġestjoni indiretta hu ppreferut għax jimmassimizza l-flessibbiltà tal-programm filwaqt li lill-Kummissjoni Ewropea jagħtiha l-mezzi kollha biex tikkontrolla u tissorvelja l-programm u l-użu tal-fondi.

¹²

Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Skont l-Artikolu 17 tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża tar-Regolament, il-Kummissjoni se tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar billi teżamina l-attivitajiet finanzjarji u tivvaluta r-riżultati miksuba.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-arranġamenti tal-monitoraġġ meħtieġa biex tiżgura li d-dejta rilevanti mingħand entitajiet inkarigati bl-implimentazzjoni tal-programm, mingħand l-Istati Membri jew mingħand partijiet terzi tinġabar b'mod affidabbli u mingħajr intoppi.

Għall-kompitu implimentat b'ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni se tiżgura li fil-Ftehim ta' Delega u fil-kuntratti/ftehimiet iffirmati mill-entità fdata mal-benefiċjarji magħżula jkunu jinkorporaw proċeduri effiċjenti u effettivi tal-monitoraġġ u tar-rappurtar.

Bid-dejta miġbura, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tirrapporta dwar il-progress li jkun sar skont l-Artikolu 38(3)(e) tar-Regolament 966/2012 u b'referenza għall-għanijiet speċifiċi msemmija fil-punt 1.4.2 hawn fuq.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ir-riskji identifikati

Ir-riskji identifikati huma:

Ir-Risju tad-Dewmien: Il-ħruġ tal-iskeda, id-dewmien fl-implimentazzjoni

Ir-Risju tal-Governanza: Nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri u/jew l-industrija nazzjonali

Ir-Risju Finanzjarju: Il-ġestjoni tal-ispejjeż, assorbiment baxx (dewmien), spejjeż ineliġibbli, eċċ.

Ir-Risju Tekniċi: Diffikultajiet fi żvilupp speċifiku; Kwistjonijiet tekniċi; Livell ta' prestazzjoni aktar baxx

2.2.2. L-informazzjoni dwar l-istruttura tas-sistema tal-kontroll intern

Il-fondi se jitmexxew indirettament bi Ftehim ta' Delega.

Ħafna mill-fondi huma allokat permezz ta' għotjiet (it-tieni saff).

Il-korp ta' implimentazzjoni se jgħaqqad l-attribuzzjoni ta' dawn l-għotjiet ma' rappurtar obligatorju u perijodu li għandhom jagħmlu l-benefiċjarji permezz tal-koordinatur tal-konsorzju (l-Artikolu 9 tar-Regolament).

Il-kuntratt jew il-ftehimiet li se jiġu ffirmati mal-koordinatur tal-konsorzju se jagħtu dettalji dwar l-obbligi tal-konsorzju u b'mod partikolari d-dritt lill-Kummissjoni, f'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni jew insuffiċjenza fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet jew dewmien, biex tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha.

Permezz tal-Ftehim ta' Delega, il-Kummissjoni se tiftiehem fuq n-natura u l-frekwenza ta' dan ir-rappurtar:

- ir-rappurtar obbligatorju mill-benefiċjarji
- il-kontrolli tad-dokumenti b'rabta mal-ispejjeż
- il-parteċipazzjoni f'laqgħat ta' monitoraġġ perjodiku (tekniċi u ta' ġestjoni)

Jekk ikun meħtieġ, tista' tintalab l-għajjnuna ta' esperti tekniċi esterni waqt il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi. Abbażi tar-riżultati tal-kontrolli fuq il-post, il-Kummissjoni se tiżgura li, jekk ikun meħtieġ, jiġu aġġustati l-iskala jew il-kundizzjonijiet tal-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja approvata oriġinarjament kif ukoll l-iskeda taż-żmien għall-pagamenti.

Barra minn hekk, se tiġi implimentata strateġija ta' awditu biex tissorvelja mill-qrib l-ispejjeż tal-proġett.

2.2.3. *Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju tal-iżball*

Il-persunal inkluż fil-punt 3.2.3.2 għandu jkun biżżejjed biex jikkontrolla l-implimentazzjoni tal-fondi.

2.3. **Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri eżistenti jew previsti ta' prevenzjoni u protezzjoni.

L-Artikolu 18 tal-proposta jiċċara l-kompetenza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) biex jinvestiga l-operazzjonijiet appoġġati minn din l-inizjattiva.

Kull ftehim li jinholq b'dan ir-Regolament, inkluż il-ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi parteċipanti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, għandu jipprevedi sorveljanza u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni, jew minn xi rappreżentant awtorizzat minnha, kif ukoll għal awditu li jsir mill-Qorti tal-Awdituri jew mill-OLAF, u jekk ikun meħtieġ, anke fuq il-post.

3. **L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. **L-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji tan-nefqa affettwati**

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Diff./Mhux diff. ¹³	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁴	mill-pajjiżi kandidati ¹⁵	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
		Diff	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
		Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba:

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	02.0701 – Il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża	Diff	LE	LE	LE	LE
	02.010405 – Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

¹³ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjali / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjali.

¹⁴ L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁵ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

Il-proposta mhux se żżid il-livell totali ta' nefqa pprogrammata fl-Intestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, għax il-pakketti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, tal-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita, tal-Programm Ewropew tal-Osservazzjoni tad-Dinja, tal-Programm ITER u l-marġni mhux allokat se jonqsu biex tiġi ffinanzjata l-kontribuzzjoni mill-Baġit tal-UE għall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża.

f' miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Sorsi ta' finanzjament għall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża	2019	2020	Total
IL-FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA, li minnha			145
32.020101 – Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass il-fruntieri	20	20	40
32.020102 – It-titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija	20	20	40
32.020103 – Il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent	20	20	40
09.0303 – Il-promozzjoni tal-interoperabbiltà, l-introduzzjoni sostenibbli, it-tħaddim u l-aġġornament tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew	10	15	25
IL-PROGRAMMI EWROPEJ TAN-NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS u Galileo) li minnhom			135

02.0501 – L-iżvilupp u l-forniment ta' infrastrutturi u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2020	80	50	130
02.0502 – Il-forniment ta' servizzi bbażati fuq is-satellita li jtejbju l-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment jiġi kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)		5	5
IL-PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA, li minnu			15
02.0601 – L-għoti ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta <i>in situ</i> (Copernicus)	10	5	15
ITER (ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali), li minnu			80
32.050102 – Il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-isfruttar tal-faċilitajiet ITER – Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER – Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	30	50	80
Marġni mhux allokat, li minnu			125
Marġni mhux allokat	55	70	125

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1A	Kompetittività għat-ktabbir u l-impjiegi
---	----	--

DĠ: GROW			2019	2020	2021	2022	2023	TOTAL
•Approprijazzjonijiet operazzjonali								
02.07 01	Impenji	(1)	244.7	254.5				499.2
	Pagamenti	(2)	146.7	201.5	100	51	p.m	499.2

•Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹⁶								
02.01 04 05		(3)	0.3	0.5				0.8
TOTAL ta' appropriazzjonijiet għad-DĠ GROW	Impenji	=1+1a +3	245	255				500
	Pagamenti	=2+2a +3	147	202	100	51	p.m	500

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	244.7	254.5				499.2
	Pagamenti	(5)	146.7	201.5	100	51	p.m	499.2
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi			(6)	0.3	0.5			0.8
TOTAL ta' appropriazzjonijiet fl-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	245	255				500
	Pagamenti	=5+6	147	202	100	51	p.m	500

Jekk il-proposta/inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)						
	Pagamenti	(5)						
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi			(6)					
TOTAL ta' appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6						
	Pagamenti	=5+6						

¹⁶ L-għajnuna teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2018	2019	2020	2021	2022	2023	TOTAL
DĠ: GROW								
• Riżorsi umani		0.966	0.985	1.005				2.956
• Nefqa amministrattiva oħra		0.199	0.249	0.249				0.697
TOTAL għad-DĠ GROW	Appropriazzjonijiet	1.165	1.234	1.254				3.653

TOTAL ta' appropriazzjonijiet fl-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	1.165	1.234	1.254				3.653
---	-------------------------------------	-------	-------	-------	--	--	--	--------------

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2018	2019	2020	2021	2022	2023	TOTAL
TOTAL ta' appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1.165	246.234	256.254				503.653
	Pagamenti	1.165	148.234	203.254	100	51		503.653

3.2.2. L-impatt smat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ↓			2019		2020		TOTAL	
	RIŻULTATI							
	It- ¹⁷ tip	Spiza medja	Nru	Spiza	Nru	Spiza	Nru totali	Spiza totali
GĦANIJET SPEĊIFIĊI ¹⁸								
1 – Li titrawwem il-kompetittività tal-industrija tad-difiża								
2 – Li titwieżen u titħeġġeġ il-koperazzjoni bejn impriżi fl-iżvilupp ta’ prodotti u teknoloġiji tad-difiża								
3 – Li jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, u ssir promozzjoni ta’ kull forma ta’ innovazzjoni.								
– Riżultat			2	244.7	1	254.5	3	499.2
Subtotal għall-Għan Speċifiku Nru 1			2	244.7	1	254.5	3	499.2
SPIŻA TOTALI			2	244.7	1	254.5	3	499.2

¹⁷ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, in-numru ta' kilometri ta' toroq mibnija. eċċ.).

¹⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għanijiet speċifiċi..."

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2018	2019	2020	2021	2022	2023	TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	0.966	0.985	1.005				2.956
Nefqa amministrattiva oħra	0.199	0.249	0.249				0.697
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1.165	1.234	1.254				3.653

Barra mill- INTESTATURA 5 ¹⁹ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL	1.165	1.234	1.254				3.653
--------------	--------------	--------------	--------------	--	--	--	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew intuża mill-ġdid fi ħdan id-DĠ u, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni bil-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

¹⁹ L-għajnuna teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	2018	2019	2020	2021	2022	2023
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u persunal temporanju)						
02 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	7	7	7			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
• Persunal estern (f'unità ekwivalenti ta' Full Time: FTE)²⁰						
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)						
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 yy ²¹	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL	7	7	7			

XX hija l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew intuża mill-ġdid fi ħdan id-DĠ u, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni bil-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Biex jiġu ddefiniti l-ħtiġijiet u proposti funzjonali kunċettwalment Biex tkun żgurata l-klassifikazzjoni tas-sigurtà tad-dejta, jitwaqqfu u jitmexxew is-sistemi meħtieġa għat-trattament tal-informazzjoni kunfidenzjali Biex ikun żgurat l-abbozzar legali meħtieġ, jitħejjew il-valutazzjonijiet tal-impatt, il-proposti tal-programm u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħtieġa. Biex tkun żgurata ġestjoni soda tal-programm u t-tħejjija tal-programmi ta' ħidma Biex jitwieżnu l-evalwazzjoni u l-għażla tal-ghotjet Biex ikunu żgurati monitoraġġ finanzjarju sod u analiżi tal-infiq
---------------------------------	--

²⁰ AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

²¹ Sublimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (dawki li kienu l-linji “BA”).

	Biex issir sorveljanza tal-azzjoni u jingharbel il-progress tekniku Biex issir parteċipazzjoni fil-laqgħat ewlenin tal-proġett Biex isir rappurtar lid-diriġenti
Il-persunal estern	

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- ☐ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi il-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-proposta se jiffinanzjawha l-linji baġitarji speċifiċi:

02.0501 – L-iżvilupp u l-forniment ta' infrastrutturi u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2020

02.0502 – Il-forniment ta' servizzi bbażati fuq is-satelliti li jtejbju l-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment jiġi kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)

02.0601 – L-ġħoti ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta *in situ* (Copernicus)

32.050102 – Il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-isfruttar tal-faċilitajiet ITER – Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER – Fużjoni għall-Enerġija (F4E)

32.020101 – Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass bejn il-fruntieri

32.020102 – It-titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija

32.020103 – Il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent

09.0303 – Il-promozzjoni tal-interoperabbiltà, l-introduzzjoni sostenibbli, it-tħaddim u l-aġġornament tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew

Marġni mhux allokat

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedi l-ebda kofinanzjament mingħand partijiet terzi.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva tħalli dan l-impatt finanzjarju:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Il-linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjoni jiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	L-impatt tal-proposta/inizjattiva ²²						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu...								

Għad-dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

²² Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara li jitnaqqsu 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.